# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 25 ta’ Mejju 2016

**Kawża Nru: 6**

**Rikors Ġuramentat Nru: 419 / 10 JA**

**Shamrock Limited (C-7665)**

**-vs-**

**Mark Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat mis-soċjeta’ attriċi fis-27 ta’ April 2010 fejn ġie premess:

Illi l-intimat ikkostiwixxa ruħu veru ċert u likwidu debitur versu s-soċjeta’ rikorrenti għall-ammont li ta’ tlett elef Liri Maltin (LM3,000), illum sitt elef disa’ mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax il-ċenteżmu (€6,988.12) bl-imgħax dovut u dekorribli mid-data tal-att sad-data tal-effettiv pagament; u dan in forza ta’ Att ta’ Kostituzzjoni ta’ Debitu ppublikat min-Nutar Dottor Maria Briffa fit-23 ta’ Jannar elfejn u sitta (23/01/2006), kopja esebita Dok ‘A’;

Illi l-intimat ilu għal diversi snin jokkupa l-fond appartament Flat 3, "Albany Court", Star Estates, Baħar iċ-Ċagħaq, mingħajr bażi u rrifjuta diversi drabi li jikkonsenja ċ-ċwievet; ġie inutilment interpellat jersaq għal kumpens dovut minħabba li naqas li jikkonsenja ċ-ċwievet u l-pussess lis-soċjeta' esponenti; dan il-fond huwa proprjetá tas-soċjeta' esponenti;

Illi l-intimat kellu f'idejh iċ-ċwievet tal-fond u ċjoe' u baqa' qatt ma kkonsenja jew iddepożita ċ-ċwievet u b'hekk irrenda ruħu responsabbli għall-ħlas ta' kumpens għal detenzjoni u jew okkupazzjoni mingħajr bażi tal-fond fuq imsemmi; illi minkejja diversi egħwiedi, dawn iċ-ċwievet qatt ma ġew irritornati;

Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat kellu f'idejh u jiddetjeni ċ-ċwievet u l-okkupazzjoni tal-fond fuq imsemmi mingħajr bażi u ġustifikazzjoni fil-liġi;

(ii) tordna l-iżgumbrament tal-intimat fi żmien qasir u perentorju;

(iii) tillikwida l-ammont ta' kumpens għal tali okkupazzjoni mingħajr bażi tal-appartament fuq imsemmi; u

(iv) tikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont hekk likwidat għal okkupazzjoni mingħajr bażi fil-liġi;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Liġi.

L-intimat inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Mark Galea ppreżentata fit-2 ta' Ġunju 2011 fejn ġie eċċepit:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' attriċi;

2. Illi qabel xejn is-soċjeta' attriċi għandu tipprova t-titolu tagħha għall-fond in kwistjoni b'mod ċar u inekwivoku;

3. Illi l-kirja tal-fond in kwistjoni li kienet ġiet konċessa lill-esponenti kienet ġiet effettivament xolta u terminata qabel is-sena 2006 meta s-soċjeta' rikorrenti abbużivament kienet impediet lill-esponenti milli jaċċedi fil-fond in kwistjoni billi waħħlet żewġ katnazzi mal-bieb tal-entratura għall-imsemmi fond bil-konsegwenza li l-esponenti spiċċa barra fit-triq u l-effetti tiegħu personali baqgħu miżmuma fl-istess fond;

4. Illi minn dakinhar 'il quddiem l-esponenti la kellu d-detenzjoni tal-fond in kwistjoni u lanqas kien qed jokkupah, u għalhekk il-kontenut tal-paragrafu 2 tar-Rikors Ġuramentat qed jiġi kontestat;

5. Illi konsegwentement it-talba tas-soċjeta' attriċi għall-iżgumbrament ma tistax tiġi milqugħa;

6. Illi f'dawn is-snin kollha l-esponent qatt ma ġie intimat sabiex jivvaka mill-fond in kwistjoni u lanqas biex iħallas kumpens għall-allegata detenzjoni jew okkupazzjoni proprju għaliex ma kienx qed jokkupa jew jiddetjeni l-fond, u għalhekk il-kontenut tat-tieni paragrafu tar-Rikors Ġuramentat qed jiġi wkoll ikkontestat u l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda;

7. Illi konsegwentement m'hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati jew li tagħhom l-esponent għandu jiġi kundannat iħallas;

8. Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' April 2016 fejn il-Qorti fuq talba tad-difensur tas-soċjeta' attriċi ddifferiet il-kawża għas-sentenza;

Rat illi fl-istess verbal id-difensur tal-istess soċjeta' attriċi rrinunzja għat-tielet u r-raba' talba attriċi bid-debita riserva;

Ikkunsidrat:

Illi l-rikorrenti qed jitolbu li l-konvenut jiġi żgumbrat mill-fond in kwistjoni, u dan *stante* li ma għandu ebda titolu. Il-konvenut naqas li jipproduċi provi u għalhekk il-verżjoni tas-soċjeta' attriċi ma ġietx ribaduta. Fil-fatt jirriżulta mill-atti li l-proprjetá in kwistjoni tappartjeni lill-attriċi, u li l-konvenut li ilu li rrinunzja għall-kirja li kellu, qed jokkupaha mingħajr ebda titolu.

**KONKLUŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi u għall-fini tat-tieni talba tordna li l-konvenut jiżgombra mill-proprjetá in kwistjoni fi żmien xahrejn millum;**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** | **Mario Debono** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |